2024/385

19.1.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/385

tad-19 ta' Jannar 2024

li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-Ġihad Iżlamika tal-Palestina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Settembru 2001, il-Kunsill Ewropew iddikjara li t-terroriżmu huwa sfida reali għad-dinja u għall-Ewropa u ddeċieda li l-ġlieda kontra t-terroriżmu ser tkun objettiv prijoritarju tal-Unjoni. Fid-19 ta' Ottubru 2001, il-Kunsill Ewropew iddikjara li kien determinat li jiġġieled it-terroriżmu taħt kull forma madwar id-dinja u li kien ser ikompli l-isforzi tiegħu biex isaħħaħ il-koalizzjoni tal-komunità internazzjonali biex it-terroriżmu jiġi miġġieled f'kull għamla u forma.

(2) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ([1]), li timplimenta r-Riżoluzzjoni 1373 (2001) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li tistabbilixxi strateġiji wesgħin fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u b'mod partikolari l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK tipprovdi għall-iffriżar tal-fondi u assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra ta' persuni, gruppi u entitajiet elenkati fl-Anness tagħha, u tipprovdi li l-fondi, l-assi finanzjarji jew ir-riżorsi ekonomiċi jew is-servizzi finanzjarji jew servizzi relatati oħra ma jsirux disponibbli, direttament jew indirettament, għall-benefiċċju tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet elenkati f'dak l-Anness.

(3) Mis-27 ta' Diċembru 2001, l-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK inkluda lil Hamas-Izz al-Din al-Qassem (fergħa terroristika tal-Ħamas) u lill-Ġihad Iżlamika tal-Palestina ("PIJ") bħala gruppi terroristiċi. Fit-12 ta' Settembru 2003, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/651/PESK ([2]) li aġġornat l-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK u ssostitwiet l-entrata għal Hamas-Izz al-Din al-Qassem (fergħa terroristika tal-Ħamas) b'Ħamas (inkluż Hamas-Izz al-Din al-Qassem) ("Ħamas") fil-lista ta' gruppi u entitajiet involuti f'atti terroristiċi.

(4) L-elenkar tal-Ħamas u l-PIJ ġie rivedut diversi drabi skont l-Artikolu 1(6) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, u l-miżuri restrittivi applikabbli għalihom jibqgħu fis-seħħ.

(5) L-Unjoni tipprovdi assistenza finanzjarja għall-iżvilupp, inkluż programmi ta' appoġġ, għall-popolazzjoni Palestinjana, l-Awtorità Palestinjana u l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib. Il-Kummissjoni wettqet rieżami tal-assistenza finanzjarja li qed tagħti, liema reviżjoni wriet li l-kontrolli u s-salvagwardji eżistenti tal-Kummissjoni jaħdmu tajjeb u li l-ebda fond tal-Unjoni ma jiffinanzja direttament jew indirettament, xi organizzazzjoni terroristika.

(6) Fis-7 ta' Ottubru 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-attakki kontra Iżrael, li tikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-attakki multipli u indiskriminati f'Iżrael mill-Ħamas u tikkundanna bil-qawwa t-telf ta' ħajjiet.

(7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 u s-27 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna tiegħu bl-aktar mod qawwi possibbli tal-Ħamas għall-attakki terroristiċi brutali u indiskriminati tiegħu madwar Iżrael.

([1]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93).

([2]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/651/PESK tat-12 ta' Settembru 2003 li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2003/482/PESK (ĠU L 229, 13.9.2003, p. 42).

(8) Il-Ħamas u l-PIJ jikkostitwixxu theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, inkluż billi jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà ta' Iżrael fi ħdan il-fruntieri tiegħu rikonoxxuti internazzjonalment, kif imsemmi fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2012 dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani. L-atti vjolenti mill-Ħamas u l-PIJ jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem.

(9) Fid-dawl tal-gravità tal-attakki reċenti kontra Iżrael u l-ħtieġa li jiġu miġġielda atti vjolenti li jheddu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, huwa xieraq li jiġu stabbiliti miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-PIJ, f'konformità mal-kriterji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Tali miżuri restrittivi jaqgħu taħt l-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21(2), il-punti (b) u (c), tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(10) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta' persuni fiżiċi li:

(a) jappoġġaw, materjalment jew finanzjarjament, lill-Ħamas, lill-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina ("PIJ"), lil kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(b) jipparteċipaw fil-finanzjament tal-Ħamas, tal-PIJ, ta' kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom, jew fil-finanzjament ta' atti jew attivitajiet tagħhom, magħhom, taħt isimhom, f'isimhom jew b'appoġġ għalihom;

(c) jipparteċipaw fl-ippjanar, it-tħejjija jew li jiġu permessi azzjonijiet vjolenti minn, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem, jew b'appoġġ għall-Ħamas, il-PIJ, kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(d) ifornu, ibigħu jew jittrasferixxu armi u materjal relatat lill-Ħamas, lill-PIJ, kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(e) jappoġġaw, materjalment jew finanzjarjament, jew jimplimentaw azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà ta' Iżrael, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem, jew b'appoġġ għall-Ħamas, il-PIJ, kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(f) jkunu involuti jew kompliċi fl-ordni jew fit-twettiq ta' ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali jew tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem f'isem jew taħt l-isem tal-Ħamas, il-PIJ, kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(g) jinċitaw jew jipprovokaw pubblikament atti ta' vjolenza serja minn, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem, jew b'appoġġ għall-Ħamas, il-PIJ, jew kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(h) jagħtu appoġġ lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi involuti f'attivitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (g);

kif elenkati fl-Anness.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru li jirrifjuta d-dħul fit-territorju tiegħu ta' ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut b'obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa min-Nazzjonijiet Uniti, jew taħt l-awspiċji tagħha;

(c) bi ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(d) skont it-Trattat ta' Konċiljazzjoni (il-Patt Lateran) tal-1929 konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jkun il-pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun infurmat debitament fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafu 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' bżonn umanitarju urġenti, jew għal raġunijiet ta' attendenza għal laqgħat intergovernattivi jew laqgħat promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament l-objettivi ta' politika tal-miżuri restrittivi.

7. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti skont il-paragrafu 1 fejn id-dħul jew it-tranżitu jkun neċessarju għall-fini ta' proċess ġudizzjarju.

8. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 jew 7 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat sakemm ma joġġezzjonax membru wieħed jew aktar tal-Kunsill bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta tasal in-notifika dwar l-eżenzjoni proposta. Jekk membru wieħed jew aktar tal-Kunsill iqajmu oġġezzjoni, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

9. Fejn, skont il-paragrafu 3, 4, 6, 7 jew 8, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-tranżitu minnu, ta' persuni fiżiċi elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun strettament limitata għall-iskop li għalih ingħatat u għall-persuni fiżiċi kkonċernati direttament minnha.

Artikolu 2

1. Il-fondi, l-assi finanzjarji u r-riżorsi ekonomiċi l-oħrajn kollha li huma l-proprjetà ta' jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet u korpi li:

(a) jappoġġaw, materjalment jew finanzjarjament, lill-Ħamas, lill-PIJ, lil kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(b) jipparteċipaw fil-finanzjament tal-Ħamas, tal-PIJ, ta' kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom, jew fil-finanzjament ta' atti jew attivitajiet tagħhom, magħhom, taħt isimhom, f'isimhom jew b'appoġġ għalihom;

(c) jipparteċipaw fl-ippjanar, it-tħejjija jew jiġu permessi azzjonijiet vjolenti minn, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem, jew b'appoġġ għall-Ħamas, il-PIJ, kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(d) ifornu, ibigħu jew jittrasferixxu armi u materjal relatat lill-Ħamas, lill-PIJ, kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew lil kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(e) jappoġġaw, materjalment jew finanzjarjament, jew jimplimentaw azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà ta' Iżrael, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem, jew b'appoġġ għall-Ħamas, il-PIJ, kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(f) jkunu involuti jew kompliċi fl-ordni jew fit-twettiq ta' ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali jew tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem f'isem jew taħt l-isem tal-Ħamas, il-PIJ, kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(g) jinċitaw jew jipprovokaw pubblikament atti ta' vjolenza serja minn, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem, jew b'appoġġ għall-Ħamas, il-PIJ, kwalunkwe grupp affiljat ieħor jew kwalunkwe ċellola, affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom;

(h) jagħtu appoġġ lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi involuti f'attivitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (g);

kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond, assi finanzjarju jew riżorsa ekonomika oħra ma għandha tkun disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li jsiru disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont dawk il-kondizzjonijiet li jqisu bħala xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati jkunu:

(a) neċessarji biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u tal-membri dipendenti tal-familji tagħhom, inkluż ħlasijiet għall-ikel, għall-kera jew għall-ipoteki, għall-mediċini u għat-trattament mediku, għat-taxxi, għall-primjums tal-assigurazzjoni, u għall-ħlasijiet tas-servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba eskluživament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba eskluživament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) neċessarji għal spejjeż straordinarji, dment li l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li jenħtieġ li tingħata awtorizzazzjoni speċifika tal-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew

(e) ser jitħallsu f'kont jew minn kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsuba biex jintużaw għal finijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn tali awtorizzazzjoni.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, dment li jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-soġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, il-grupp, l-entità jew il-korp imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew elenkati fl-Anness, ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew deċiżjoni ġudizzjarja li tkun eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel dik id-data, f'dik id-data jew warajha;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu ser jintużaw eskluživament biex jiġu ssodisfati pretensjonijiet iggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fi ħdan il-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, grupp, entità jew korp elenkati fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn tali awtorizzazzjoni.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprevjeni persuna fiżika jew ġuridika, grupp, entità jew korp indikati milli tagħmel pagament dovut taħt kuntratt li daħal fis-seħħ qabel l-elenkar ta' tali persuna fiżika jew ġuridika, grupp, entità jew korp, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-pagament ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna fiżika jew ġuridika, grupp, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1.

6. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet, dment li tali imgħax jew dħul ieħor jibqgħu soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1;

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li ġew konklużi jew li twettqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2, dment li tali pagamenti jibqgħu soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1; jew

(c) pagamenti dovuti skont deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali li ngħataw fl-Unjoni jew li huma eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat, dment li tali pagamenti jibqgħu soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

7. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment, l-ipproċessar jew il-pagament ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra jew għall-forniment ta' oġġetti u servizzi li huma neċessarji biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem fejn tali assistenza u attivitajiet oħra jitwettqu minn:

(a) in-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-programmi, il-fondi u entitajiet u korpi oħra tagħhom, kif ukoll l-aġenziji speċjalizzati u l-organizzazzjonijiet relatati tagħhom;

(b) organizzazzjonijiet internazzjonali;

(c) organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservatur fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet umanitarji;

(d) organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati bilateralment jew multilateralment li jipparteċipaw fil-Pjanijiet ta' Rispons Umanitarju tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Pjanijiet ta' Rispons għar-Refuġjati, appelli oħra tan-Nazzjonijiet Uniti jew raggruppamenti umanitarji kkoordinati mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji ;

(e) organizzazzjonijiet u aġenziji li lilhom l-Unjoni tkun tat iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja jew li jkunu ċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru f'konformità ma' proċeduri nazzjonali;

(f) aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri; jew

(g) l-impjegati, il-benefiċjarji, is-sussidjarji, jew is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) waqt u sal-punt li jkunu qed jaġixxu f'dawk il-kapaċitajiet.

8. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7, u b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-forniment ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huwa neċessarju biex jiġi żgurat it-twassil fil-ħin ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem.

9. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva, talba għall-informazzjoni jew notifika għal iktar żmien mill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 8, dik l-awtorizzazzjoni għandha titqies li ngħatat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu fi żmien erba' ġimgħat mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 3

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità, fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), għandu jistabbilixxi u jemenda l-lista fl-Anness.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni skont il-paragrafu 1, inkluż id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, lill-persuna fiżika jew ġuridika, grupp, entità jew korp ikkonċernati, direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, li tipprovdi lil tali persuna fiżika jew ġuridika, grupp, entità jew korp b'opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati xi osservazzjonijiet jew evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni skont il-paragrafu 1 u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, grupp, entità jew korp ikkonċernata kif meħtieġ.

Artikolu 4

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, tal-gruppi, tal-entitajiet u tal-korpi msemmija fl-Artikoli 1 u 2.

2. L-Anness għandu jinkludi, fejn tkun disponibbli, l-informazzjoni neċessarja għall-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-gruppi, l-entitajiet jew il-korpi kkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi: l-ismijiet u l-psewdonimi; id-data u l-post tat-twelid; in-nazzjonalità; in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità; il-ġeneru; l-indirizz, jekk ikun magħruf; u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi, din l-informazzjoni tista' tinkludi: l-ismijiet; il-post u d-data tar-reġistrazzjoni; in-numru tar-reġistrazzjoni; u l-post tan-negozju.

Artikolu 5

1. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw *data* personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari:

(a) fir-rigward tal-Kunsill, it-tħejjija u l-emendar tal-Anness;

(b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, it-tħejjija ta' emendi għall-Anness.

2. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, *data* rilevanti relatata ma' reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi elenkati, ma' sentenzi kriminali ta' tali persuni jew ma' miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw lit-tali persuni, biss sa fejn tali pproċessar ikun neċessarju għat-tħejjija tal-Anness.

3. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli huma maħtura bħala "kontrolluri" skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il punt 8, tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), sabiex jiġi żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont dak ir-Regolament.

Artikolu 6

1. L-ebda pretensjoni marbuta ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li l-prestazzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont din id-Deċiżjoni, inkluż pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għall-estensjoni jew għall-pagament ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi ssodisfata, jekk dawn issiru minn:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi indikati elenkati fl-Anness;

(b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, grupp, entità jew korp li jaġixxu permezz ta' jew f'isem waħda mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi msemmija fil-punt (a).

2. Fi kwalunkwe proċedura għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun ippruvat li l-issodisfar tal-pretensjoni mhux ipprojbit bil-paragrafu 1 għandu jkun fuq il-persuna fiżika jew ġuridika, il-grupp, l-entità jew il-korp li jkunu qed ifittxu l-infurzar ta' dik il-pretensjoni.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-gruppi, l-entitajiet u l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità li ma jintlaħqux l-obbligi kuntrattwali f'konformità ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 7

Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, bil-ħsieb jew intenzjonata, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun iċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 8

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk previsti f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-20 ta' Jannar 2025.

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li ma jkunux intlaħqu l-objettivi tagħha.

L-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(7), (8) u (9) fir-rigward tal-Artikolu 2(1) u (2) għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari u mill-inqas kull tnax-il xahar jew, wara bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi, fuq talba urġenti ta' kwalunkwe Stat Membru, tar-Rappreżentant Għoli, jew tal-Kummissjoni.

Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
H. LAHBIB

ANNESS

Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet u korpi imsemmija fl-Artikoli 1 u 2

A. Persuni fiżiċi

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Abdelbasit Elhassan Mohamed Khair HAMZA	Data tat-twelid: 28.8.1955 Post tat-twelid: Is-Sudan Nazzjonalità: Sudaniża Nru tal-Passaport: 10100159792 (is-Sudan) Sess: raġel	Abdelbasit Elhassan Mohamed Khair Hamza huwa finanzjatur tal-Ħamas ibbażat is-Sudan li jimmaniġġa kumpaniji fil-portafoll ta' investiment tal-Ħamas. Abdelbasit Elhassan Mohamed Khair Hamza ffaċilita l-fondi għall-Ħamas permezz ta' network ta' kumpaniji, inkluż b'mod partikolari Al Rowad Real Estate Development u Al Zawaya Group for Development and Investment. Għaldaqstant, Abdelbasit Elhassan Mohamed Khair Hamza jipparteċipa fil-finanzjament tal-Ħamas.	19.1.2024
2.	Nabil Khaled Halil CHOUMAN	Data tat-twelid: 1954 Post tat-twelid: Il-Libanu Nazzjonalità: Libaniż Sess: raġel Funzjoni: Fundatur u azzjonist ta' Chouman (Shuman) Group / Shuman for Currency Exchange SARL	Nabil Khaled Halil Chouman huwa s-sid ta' sid Shuman for Currency Exchange SARL, ibbażata f'Bejrut, il-Libanu, li ntużat għall-ħasil ta' flus u għat-trasferiment ta' flus lill-Ħamas, inkluż mill-Iran. L-istima tas-somom ta' flus trasferiti lill-Ħamas permezz ta' Shuman for Currency Exchange SARL hija ta' għexieren ta' miljuni ta' USD. Għaldaqstant, Nabil Khaled Halil Chouman jipparteċipa fil-finanzjament tal-Ħamas.	19.1.2024
3.	Khaled CHOUMAN magħruf ukoll bħala Khaled SHUMAN	Data tat-twelid: 2.4.1987 Post tat-twelid: Il-Libanu Nazzjonalità: Libaniż Sess: raġel Funzjoni: Isarraf il-Flus (money changer) fil-kumpanija Chouman (Shuman) Group / Shuman for Currency Exchange SARL	Khaled Chouman jaħdem bħala sarraf għal Shuman for Currency Exchange SARL, kumpanija proprjetà ta' missieru u bbażata f'Bejrut, il-Libanu. Il-kumpanija ntużat għall-ħasil tal-flus u għat-trasferiment ta' flus lill-Ħamas, inkluż mill-Iran. L-istima tas-somom ta' flus trasferiti lill-Ħamas permezz ta' Shuman for Currency Exchange SARL hija ta' għexieren ta' miljuni ta' USD. Għaldaqstant, Khaled Chouman jipparteċipa fil-finanzjament tal-Ħamas.	19.1.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
4.	Rida Ali KHAMIS (رضا علي خميس) magħruf ukoll bħala Reda Ali KHAMIS	Data tat-twelid: 2.9.1967 Nazzjonalità: Libaniż Numru tal-passaport jew tal-karta tal-identità: 3194104 (il-Libanu) Sess: raġel Funzjoni: sieħeb fin-negozju tal-Grupp Chouman (Shuman) / Shuman għall-Iskambju tal-Munita SARL	Rida Ali Khamis huwa involut fl-iskambju ta' muniti li jippermetti l-ħasil tal-flus u t-trasferiment ta' flus lill-Ħamas, b'mod partikolari permezz tal-kumpaniji Shuman for Currency Exchange SARL u Al-Wasata SARL. Għaldaqstant, Rida Ali Khamis jipparteċipa fil-finanzjament tal-Ħamas.	19.1.2024
5.	Musa Muhammad Salim DUDIN (موسى دودين; موسى محمد سالم دودين) magħruf ukoll bħala Mousa DOUDIN; Mousa DUDIN; Musa DUDIN; Musa Muhammad Salim DODIN; Musa Muhammad Salim DOUDIN; Mussa DODIN; Mussa DUDIN	Data tat-twelid: 12.6.1972 Post tat-twelid: Dura, Ħebron Nazzjonalità: Palestinjan Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-bureau politiku tal-Ħamas	Musa Muhammad Salim Dudin huwa operatur anzjan tal-Ħamas u membru tal-bureau politiku tal-Ħamas. F'din il-kapaċità, sikwit għamel dikjarazzjonijiet pubbliċi f'isem l-organizzazzjoni. Barra minn hekk, bħala membru tal-uffiċċju tal-investiment tal-Ħamas, kien involut f'operazzjonijiet ta' finanzjament għall-organizzazzjoni. Għaldaqstant, Musa Muhammad Salim Dudin jipparteċipa fil-finanzjament tal-Ħamas.	19.1.2024
6.	Aiman Ahmad AL-DUWAIK magħruf ukoll bħala Aiman Ahmad R AL-DUWAIK; Aiman Ahmad Rashed AL-DUWAIK; Ayman AL-DUWAIK	Data tat-twelid: 24.9.1962 Nazzjonalità: Ġordanjan Sess: raġel Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Sidar Company, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Anda Turk	Aiman Ahmad Al-Duwaik huwa finanzjatur għall-Ħamas ibbażat fl-Alġerija li jgħin imexxi l-portafoll ta' investiment barrani tal-organizzazzjoni. B'mod partikolari, huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u azzjonist tal-kumpanija Alġerina Sidar, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-kumpanija Torka Anda Turk, azzjonist tal-kumpanija bbażata s-Sudan Al Rowad Real Estate Development, u membru tal-bord tad-diretturi tal-kumpanija tal-kostruzzjoni Uzmanlar Co. Dawn il-kumpaniji jagħmlu parti min-network ta' finanzjament internazzjonali tal-Ħamas. Għaldaqstant, Aiman Ahmad Al Duwaik jipparteċipa fil-finanzjament tal-organizzazzjoni.	19.1.2024